MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Numru. 1256/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**John Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Pace detentur tal-karta tal-identita` numru 593463(M).

Akkuzat talli:

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri LLD nhar is-26 ta' Settembru 2014, billi kiser ir-rekwizit numru 3 billi avvicina x-xhud tal-Prosekuzzjoni Maria Dolores Pace, billi kkommetta reat iehor bi ksur tar-rekwizit 4, imposti kontra l-ordni mposta f'dan id-digriet u kif ukolli talli kiser Ordni ta' protezzjoni moghti mill-Magistrat Dr N Camilleri LLD moghti fis-26 ta' Settembru 2014 biex, javvicinax lill-imsemmija jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Maria Dolores Pace.

Talli bejn l-1 ta' Dicembru 2014 u 8 ta' Dicembru 2014, gewwa Malta f'diversi hinijiet ikkaguna lil Maria Dolores Pace biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti.

Talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Maria Dolores Pace mhux mod iehor imsemmija fil-Kodici Kriminali Kap 9.

Talli fl-isess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici hedded li jaghmel reat u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Talli fl-isess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn intrapriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjoniiet li jkunu mahruga minn impriza ghal-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi kienu moghtija lil John Pace u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi John Pace u torda l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tghaddi s-somma ta’ sitt elef Ewro (€6000) ghand il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat u l-istqarrija tieghu datata sbatax (17) ta’ Dicembru elfejn u erbatax (2014).

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih dawn il-poceduri gew trattati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri huma reati ta’ allegat fastidju mill-imputat lejn il-mara tieghu u ksur ta’ kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuq l-imputat precedentement fejn huwa kellu l-kundizzjoni li ma javvicinax jew ikellem lil mara tieghu Maria Dolores Pace.

Rat ir-rapport maghmul mill-kwerelanti Maria Dolores Pace a fol ghaxra (10) tal-process fejn hija allegat illi rceviet telefonata mir-ragel taghha fuq it-telefon cellulari taghha (9981 9052) fejn  huwa kien heddidha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-kwerelanti **Doris Pace** a fol wiehed u tletin (31) tal-process fejn hija xehdet illi fl-ewwel (1) ta’ Dicembru  elfejn u erbatax (2014) l-imputat kien cemplilha fejn kien heddidha anke’ bi kliem hazin u anke wkoll kkomunika maghha gurnata qabel ma tat id-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti. Wiehed minn numri tat-telefons li kien icempel minnu l-imputat kien in-numru “9907 4713” skont il-kwerelanti. Hija tghid ukoll li kien icempel min numri ohra izda ma tiftakarhomx. Hija tghid li r-raguni ta’ dan it-theddid huwa ghaliex huma sseparati u skont hi, l-imputat irid jiehu lura l-appartament tal-Fgura u cioe’ fejn toqghod il-kwerelanti flimkien ma’ bintha. Fuq domandi in kontro ezami, il-kwerelanti ma kinitx certa meta kienu il-granet meta allegatament cemplilha l-akkuzat.

Xehed ukoll l-ufficjal prosekutur l-**Ispettur Hubert Cini** illi xehed fuq l-incident fejn irrapurtaw il-kwerelanti u bintha Raisa fejn allegaw illi l-imputat kien cempel lit-tifla tieghu Raisa mill-habs. Dan l-incident pero' jirrisali ghal wara id-dati tal-akkuzi.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **Raisa Pace** bil-*"video conferencing"* fejn hija kkonfermat it-telefonata minn missierha lill-ommha tal-ewwel ta' Dicembru 2014 u fejn irrepetiet *verbatim* l-istess kliem li qalet il-kwerelanti li kien allegatament qalilha dak in-nhar. Hija wkoll xehdet rigward it-telefonata lilha minn missierha li skont hi kien hemm kliem intimidanti (ara traskrizzjoni ta' din ix-xhieda a fol 81 tal-process).

Semghet ix-xhieda tal-espert imqabbad mill-Qorti **Martin Bajada** fejn analizza iz-zewg telefoni cellulari tal-imputat (9950 1782) u dak tal-parte civile Doris Pace (9981 9052) u hareg il-"call profiles". Minn dawn il-"call profiles" (Dok. MB1) jirrizulta li ma kien hemm l-ebda telefonata jew messagg bejn dawn iz-zewg numri fix-xahar ta' Dicembru 2014.

Illi jirrizulta illi ghalkemm hemm kunflitt ta' xhieda minn naha l-wahda tal-parte civile u t-tifla taghha Raisa li xehdu b'mod identiku ghal xulxin, u minn naha l-ohra l-istqarrija tal-imputat li qal illi hu ma kienx ikkuntattja lill-martu; b'dan

pero' verzjoni minnhom giet ikkonfermata b'mod xjentifiku permezz tax-xhieda ta' Dr. Martin Bajada li xehed illi ma kienx hemm l-ebda kuntatt telefoniku bejn iz-zewg partijiet u ghalhekk il-verzjoni tal-imputat giet ikkonfermata bhala dik il-wahda il-veritjiera.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 251B, 339 (e), 579 (2) u 412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 (a) u (c) u Art. 48 (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat **John Pace** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------